jaslu wasla fostna biex jisimgħu minn fomm il-Maltin il-kelma maltija, u bil-għerf tagħhom u bit-tiġrib tagħhom iħeġġuna nissoktaw nimxu b'qalb kbira ma' dik it-triq li fuqha ntfajna għaxar snin ilu, b'xewqa u tama sħiħa li ix-xogħol tagħna jkun ta' rfid għal-Lsien Malti u ta' ġid għal ħutna l-Maltin.

# KEMM HU KBIR IL-AMAR T'ALLA!

Naħla għażiża tgħidlix ħaġa?
Kif tgħallimt tagħmel ix-xehda,
Kif tgħallimt mill-ward tlaqqatha,
Kif taħdimha taf u tqiegħda

Grieżel grieżel biex ġo fihom
Fuq saqajk l-għasel iġġorr?
Għid, min għallmek tarda l-ħelu
Li mill-ward twarrab il-morr?!

Xtaqtek tgħidli fejn mort skola,
Kif tgħallimt, maż-żernieq kmieni
Ħaġa m'oħra b'għaqal tlaqqa',
Kif issawwar lewn sewdieni,

Il-qatran? u li b'dan tkaħħal
Iċ-ċaċċisi ta' kamartek
Biex fil-kwiet annuna taħdmu
Ommok ħutek inti u martek!

Għidli naħla u għidli s-sewwa
'L-ommok min għallimha r-rżina
Kif taf taħkem kollha l-għajka
Bil-kmand tagħha ta' Reġina.

U għalfejn nistaqsik nokqgħod!
Lejn is-Sema 'l qalbi ntalla'
U mistagħġeb nistqarr ngħid :—
Kemm hu kbir il-amar t'Alla!!.

R. M. B.



# SIĠAR U ISMIJIET TA' XI RĦULA.

Milux ġie jżurni ħabib li għadu kif ġie minn barra, konna mmorru flimkien l-iskola fi żmien il-prefett Dun Mikiel Seykell u r-rettur Saver Schembri, ara kemm ilu! Feraħ bija mhux ftit u tkellimna fuq mitt ħaġa, fuq dak li għadda minn għalina, fuq fejn dawn il-gżejjer marru 'l quddiem u fuq fejn baqgħu lura. Laqtitu wisq, lil ħabibi, dik li f'dawn is-snin kollha ħadd ma ġietu f'moħħu jżejjen dawk ir-rħula li isimhom ġej minn isem ta' xi siġra b'kotra ta' siġar li tfakkar lil kulħadd għaliex ir-raħal ħa l-isem. Nieħdu Ħal-Luqa, issokta jgħid sieħbi, il-Luq, kien igħidilna l-professur Gavinu Gulia, hu l-*pioppo* bit-taljan–*poplar tree*, bl-ingliż. Dawn is-siġar sbieħ, naħseb li kienu jikbru u jħaddru fuq dawk il-għoljiet minn ewl id-dinja. Ma kienx jixraq li siġar tal-Luq jitrawmu f'misraħ u f'xi toroq ta' dak ir-raħal? Sieħbi mar San Ġiljan u, fil-misraħ ta' l-ewwel ramla msejjħa *Tal-Balluta*, ma lemaħx balluta waħda biex turi mnejn ġej l-isem tar-ramla. Il-balluta hi l-*oak tree* bl-ingliż, *quercia*, bit-taljan, siġra li tikber tajjeb għandna, kif naraw fid-daħla tal-Pwales u fid-daħla tal-wied ta' Birkirkara meta nħallu l-Imsida. Naħseb li kieku ġietu f'moħħu, il-Markiż Scicluna, kien iżejjen il-misraħ fejn hemm il-għajn bil-ballut. Aħjar hekk inkella jikteb l-isem fuq dak il-ġmiel ta' bini li talla' quddiem ir-ramla.

Għandna *San Ġwann tal-Għargħar* bejn tas-Sliema u Birkirkara. Siġra tal-għargħar (*giunipero, juniper tree*) kienet tixraq ħdejn il-Knisja mill-anqas. U Ħal-Għargħur, li x'iżjed ġej minn għargħar ukoll jixraqlu, naħseb, ftit siġar tal-għargħar għal ġieħ ismu.

U ż-żebbuġ fejn hu? Dik is-siġra li tagħti dik il-frotta bnina u meħtieġa li, magħsura, terħi ż-żejt li bih igħix il-poplu tagħna! Il-għala ma jixxettlux siġar sbieħ taż-żebbuġ fil-misraħ tal-Knisja taż-Żejtun, ta' Ħaż-Żebbuġ, taż-Żebbuġ ta' Għawdex ta' Burżebbuġa? Siġra sabiħa mita tkun miż-muma tajjeb u magħżula, is-siġra taż-żebbuġ, sieħbi jixtieq jara dawn is-siġar fejn isimhom isejħilhom. Għandna min jieħu ħsieb ta' dan u jekk il-Gvern ittarraflu xi ħaġa, b'nefqa żgħira, kollox iseħħ.

U xi żabbara (*Alœ vulgaris*) fejn tidher sewwa f'Ħaż-Żabbar m'hux ta' min jaraha?